MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 217/2014

**A B**

**-vs-**

**C B nee' S**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta’ Dicembru tas-sena elf disgha mija u tmienja u sebghin (1978) (Ara Dok A li qieghed jigi hawn anness ma dan ir-rikors) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal li llum huma kollha maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati bis-sahha ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Ann Fenech Adami LLD fit-tmintax (18) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) (Ara Dok. B li qieghed jigi hawn anness ma dan ir-rikors);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minn barra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju stante li l-ulied huma llum kollha maggorenni u ghandhom ‘il fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena fl-eta’ u l-intimata m’hijiex intitolata ghall-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Gunju, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta’ Marzu 1997;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------